DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 25/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 165/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2010 tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar mudelli Komunitarji għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikati komplementari, kopji ċċertifikati taċ-ċertifikati komplementari u formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], hekk kif korrett mill-ĠU L 286, 4.11.2010, p. 22, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-segwenti jiddaħħal wara l-punt 42ga (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/17/KE) tal-Anness XIII ta' mal-Ftehim:

"42 gb. **32010 R 0036**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2010 tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar mudelli Komunitarji għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikati komplementari, kopji ċċertifikati taċ-ċertifikati komplementari u formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 13, 19.1.2010, p. 1), hekk kif korrett mill-ĠU L 286, 4.11.2010, p. 22.

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinftiehmu skont kif adattati hawn taħt:

(a) It-termini 'mudell Komunitarju' u 'mudell tal-Komunitajiet Ewropej' fir-Regolament u fl-Annessi ta' miegħu jiġu sostitwiti bit-terminu "mudell taż-ŻEE" f'każ li liċenzja tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikat komplementari, kopja ċċertifikata taċ-ċertifikat komplementari jew formola tal-applikazzjoni għal-liċenzja tas-sewqan tal-ferroviji jkunu nħarġu minn Stat tal-EFTA.

(b) Fit-Taqsima 3(c) tal-Anness I, is-sentenza introduttorja fir-rigward tal-Istati tal-EFTA tiġi sostitwita b'dan li ġej:

'is-sinjal ta' distinzjoni tal-Istat tal-EFTA li joħroġ il-liċenzja, stampat bl-iswed u mdawwar b'elissi sewda.'

(c) Fit-Taqsima 3(c) tal-Anness I, jiżdied dan li ġej:

'N: In-Norveġja'

(d) Fit-Taqsima 3(d) tal-Anness I, jiżdied dan li ġej:

'bin-Norveġiż: FØRERBEVIS'

(e) Fit-Taqsima 6 tal-Anness I, jiżdied dan li ġej fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

'Is-sinjal ta' distinzjoni tal-Istat tal-EFTA li joħroġ il-liċenzja jiġi stampat f'konformità mat-Taqsima 3(c) ta' dan l-Anness.'

(f) Fil-każ taċ-ċertifikat komplementari, tal-kopja ċċertifikata taċ-ċertifikat komplementari u tal-formola tal-applikazzjoni għal-liċenzja tas-sewqan tal-ferroviji li huma stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Anness II, fit-Taqsima 4 tal-Anness III u fit-Taqsima 2 tal-Anness IV, ir-rettangolu bi 12-il stilla ġo fih jiġi sostitwit, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, mis-sinjal ta' distinzjoni tal-Istat tal-EFTA li joħroġ id-dokument, stampat bl-iswed u mdawwar b'elissi sewda.'

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 36/2010, hekk kif ikkoreġuti mill-ĠU L 286, 4.11.2010, p. 22, bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

[1] ĠU L 76, 15.3.2012, p. 57.
[2] ĠU L 13, 19.1.2010, p. 1.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA